Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1460/2004

**Carmelo Bellizzi**

**Vs**

**Sandro Vella u Ronald Esquer u b'digriet tat-Tribunal tal-21 ta' Gunju, 2005 l-ismijiet tal-konvenuti ghandhom jaqraw Alexander Vella u Ronald Ezguery Echandia**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' mitejn u sebghin lira Maltin (Lm270) rapprezentanti l-arretrati ta' kera ghax-xhur ta' Dicembru 2002, Jannar u Frar 2003 ghall-fond Flat numru 7, Saint Paul's Court, Triq l-Ghabex, San Pawl il-Bahar, mikri lill-konvenuti.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attur u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' mitejn u sebghin lira Maltin (Lm270) bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------